# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 12/2024**

Data: L-Erbgħa 11 ta' Diċembru, 2024

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara (17:35hrs) | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo (17:35hrs) | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Adrian Tanti (18:03 hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**12.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**12.2 MINUTI**

**12.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

# KUNSILL LOKALI FGURA

12.4 KORRISPONDENZA

12.5 STAFF

12.6 PLANNING AUTHORITY

12.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

12.8 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

12.9 MISTOQSIJIET

12.10 MOZZJONIJIET

12.11 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

12.12 FINANZI

12.13 TRAFFIC MANAGEMENT

12.14 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI

12.15 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

12.16 PURCHASE REQUEST FORM

12.17 ĦLASIJIET

12.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 12.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**12.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija mingħand il-Kuns Ryan Ellul minħabba li jinsab imsiefer. Il-Kunsill approva din it-talba.

## 12.2 MINUTI

**12.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7043/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 11/2024 bid-data 13 ta' Novembru 2024'.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa preċidenti, tkellem rigward il-pagamenti u qal li kien hemm ftehim mad-Deputat Segretarju li se tkun qed tgħaddilu l-kwotazzjonijiet li jkunu qegħdin jinġabru. Is-Sindku qal li l-ftehim kien li min jixtieq jara l-kwotazzjonijiet jistà jiġi l-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-ftehim kien ukoll li jistgħu jiġu mgħoddija lilu l-kwotazzjonijiet, fejn kien hawn li talab sabiex jagħmel dikjarazzjoni. Is-Sindku qal li l-membri tal-Kunsill għandhom jaraw il-laqgħa u kull min jixtieq jara l-kwotazzjonijiet, għandu jiġi l-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qal li kemm id-dikjarazzjoni tal-Viċi Sindku ma hija korretta u lanqas dik tas-Sindku. Huwa qal li qed issir korrezzjoni fil-minuti, u għaldaqstant jekk hemm xi haġa nieqsa għandha tizdied u jekk hemm xi haga żejda, għandha tonqos. Il-Viċi Sindku qal li se jagħmel dikjarazzjoni fuq il-minuti u l-Kuns C Bonello wieġeb li ma jistax isir dan. Il-Viċi Sindku qal li hu mhux qed jagħmel korrezzjoni imma tista ssir bħala korrezzjoni bil-miktub biex ma jkollux problemi. Il-Viċi Sindku qara l-korrezzjoni li tgħid 'Sabiex jiġi ċċekkjat ir-'recording' tal-laqgħa preċidenti fejn wara diskussjoni rigward kwotazzjonijiet miġbura, l-Viċi Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex tibda tgħaddihomlu 'via email'. Kien hemm qbil. Saret ukoll diskussjoni dwar jekk hux responsabbiltà tal-'clerks' li jagħzlu huma liema hija l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża'.

Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex jispjega. Il-Viċi Sindku qal li għandu jigi ċċekkjat ir-'recording'. Is-Sur C Bonello qal li jekk il-Kunsill jaqbel li jiġi ċċekkjat ir-'recording', il-minuti ma jistgħux jiġu approvati. Il-Viċi Sindku wieġeb li m'għandhomx jiġu approvati, għaliex hemm materjal nieqes. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk jiġux approvati. Hekk kif kien ser jittieħed il-vot, il-Viċi Sindku qal li din il-ħaga m'għandhiex tiġi njorata u staqsieħ jekk jafx rigward l-'istanding orders'. Huwa qal ukoll li jekk huwa qed jgħaddi din il-korrezzjoni u qed jgħid li għandhom jigu ċċekjati ir-'recordings', dawn għandhom jiġu ċċekkjati. Rigward il-punt li qajjem is-Sur C Bonello, il-Viċi Sindku qal li jekk il-minuti mhumiex korretti u għaldaqstant ma jistgħux jiġu approvati, għandha ssir din il-ħaġa. Il-Kuns C Bonello qal li jekk se jiġu ċċekkjati l-minuti, dan ifisser li ma hemmx certezza fuqhom, u għaldaqstant ma jistgħux jiġu approvati, fejn irrefera għall-każ tax-xahar ta' qabel tal-Kuns J Scicluna. Il-Viċi Sindku qabel mal-Kuns C Bonello, pero sostna wkoll li l-każ huwa wieħed differenti. Il-Kuns R Deguara staqsa x'inhi l-problema, bil-Viċi Sindku jwieġeb li kien hemm informazzjoni li ġiet eskluża kompletament mill-minuti, fejn reġà qal li għandu jigi ċċekkjat ir-'recording'. Is-Sindku sostna li fl-aħħar laqgħa kien qal li kull min jixtieq jara l-kwotazzjonijiet jistà jiġi l-Kunsill u jitlob il-kwotazzjoni speċifika li jixtieq jara, u biex jiġi ċċekkjat ir-'recording' sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jaraw x'kien intqal. Il-Viċi Sindku ppreżenta d-dikjarazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-mozzjoni m'għaddietx.

## 12.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**12.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 12.4 KORRISPONDENZA

**12.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7011/24/9** 'B'referenza għaċ-Ċik AKL 2024/083 dan il-Kunsill għandu japplika għal Basic Scheme għall-membri tal-Kunsill, il-ħaddiema klerikali kif ukoll manwali'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li kellu talba għall-għajnuna tal-Kunsill mill-mużew tal-bniet sabiex jinxtara 'sound system'. Is-sindku qara l-'email' mibgħuta mis-Superjura tal-mużew li tgħid 'F'isem il-Museum tal-bniet tal-Fgura, nixtieq inressaq quddiemek talba għall-għajnuna sabiex tinxtara sound system ġdida għas-sala. Bhalissa qed ikollna diffikultà biex norganizzaw laqgħat għall-ġenituri u t-tfal minħabba li qedgħin nużaw 'amplifier' qadim u li għandu 'sound' batut. Ġibna 'quote' mingħand id-'Digital Magic Malta' u tana 15% 'discount' ukoll (kopja mehmuza). Napprezzaw ħafna jekk tistgħu tgħinuna biex inkopru l-ispejjeż ta' din is-'sound system'. Kull donazzjoni hija apprezzata'.

Is-Sindku qal li donazzjonijiet mill-Kunsill ma jistgħux jingħataw. Il-Viċi Sindku qal li meta jsiru attivitajiet tal-Kunsill jiġu b'xejn u jkunu parti ntegrali minn dak li jkun qed isir, u jġibu t-tfal u l-ġenituri magħhom. Huwa qal li tas-servizz li se jkun qed jiġi offrut, il-Kunsill jistà jgħinhom b'dak il-mod. Il-Kuns J Scicluna qalet li minn naħa tagħha tista tgħinhom billi meta tagħmel attività fil-Kunsill, tiġbor donazzjonijiet għalihom mingħand in-nies li jiġu mistiedna għall-attivitajiet. Il-Viċi Sindku qal li din hija idea tajba. Il-Kuns C Bonello qal li l-mużew tal-bniet jirrifjutaw li jqassmulna 'leaflets' għax meta jiġi ppublikat 'leaflet' għat-tfal, jirrifjutaw li jqassmuh. Is-Sindku reġa sostna li donazzjonijiet ma jistgħux jingħataw. Il-Kuns C Bonello qal li jekk iridu jkunu nvoluti, hu m'għandux diffikultà biex tingħata l-għajnuna imma huma waħda mill-għaqdiet li mhumiex involuti, għax huma ma jħossux li għandhom jinvolvu ruħhom. Is-Sindku qal li din mhix xi ħaġa ta kuljum u għaldaqstant ippropona li jsir investiment fl-'ispeakers' li jaħdmu bil-'wifi' li jiswew minn tal-inqas €400, u meta jkollhom bżonnhom jiġu mislufa lilhom.

Il-Kuns J Scicluna qalet li ma jistax ikun li kull min jiġi jitlob l-għajnuna tal-Kunsill, jiġu mgħotija l-flus. Il-Viċi Sindku qal li ma jsibx problema għal din l-inizjattiva u li mill-inizjattiva tal-Kunsill fejn kien hemm donazzjoni, din id-donazzjoni tistà tingħata lilhom. Is-Sindku qal li għandu jingħad li d-donazzjoni ma ngħatatx mill-Kunsill, iżda minn nies. Il- Kuns M Lombardo qal li qatt ma ngħatat għajnuna mill-Kunsill lill-mużew tal-bniet filwaqt li kienet ingħatat għajnuna lill-mużew tas-subien, bis-Sindku jwieġeb li huwa rrelevanti jekk ingħatatx għajnuna jew le, għax id-diskussjoni hija rigward jekk għandux jinxtara 'sound system' jew le. Il-Kuns M Lombardo qal li huma qed jitolbu donazzjoni mhux ħlas. Il-Viċi Sindku wieġeb li donazzjoni ma tistax issir żgur u għaldaqstant diskussjoni rigward donazzjoni m'għandiex issir. Il Kuns M Lombardo qal li l-mużew huwa wieħed mill-entitajiet li huwa mniżżel fl-iskeda tal-għaqdiet fil-liġi. Il-Kuns C Bonello wieġeb billi qal li l-iskeda li l-Kuns M Lombardo qed jirreferi għaliha, spiċċat fl-aħħar riforma. Huwa qal li minflok jingħad 'le', għandu jingħad li donazzjonijiet minn naħa tal-Kunsill

skond il-liġi, ma jistgħux jingħataw, pero li jistà jsir huma xi attivitajiet flimkien fejn ikun jistà jiġi mħallas is-servizz. Is-Sindku qal li għandhom jiġu mwieġba b'dak il-mod għat-talba tagħhom.

Is-Sur I Catania De Giovanni qal li l-Kunsill ma hemmx għalfejn jidħol fiha ghax il-mużew jistgħu jiġbru donazzjonijiet għalihom, bis-Sindku jwieġeb li bħala Kunsill tkun qed tinħoloq attività magħhom. Is-Sur I Catania De Giovanni qal li jistgħu jagħmlu 'fundraiser' għalihom. Il-Kuns C Bonello reġà rrefera għal dak li qal qabel, sabiex jiġu mistiedna biex isiru attivitajiet magħhom u jiġu mħallsa tas-servizz. Il-Kuns M Lombardo qal li l-aħjar hu, li jiġi mitlub li ssir laqgħa magħhom. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat risposta fejn jingħad li donazzjonijiet ma jistgħux jingħataw, imma jaf ikun hemm alternattivi oħra fejn ikunu jistgħu jiġu diskussi attivitajiet varji. Il-Kuns C Bonello qal li l-laqgħa tista ssir, pero għandha tintbagħat risposta wkoll bil-miktub.

**12.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li jixtieq li jerġa jsir is-servizz tal-ECG bil-prezz ridott ta' €30 meta fil-privat jiswa €50, bil-prezz jerġa jorħos fuq 150 persuna għax 30 persuna oħra jkunu b'xejn, fejn għaldaqstant aktar ma jkun hemm nies aktar jorħos il-prezz. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk hux se jinħargu xi flus bħala Kunsill, bis-Sindku jwieġeb li kull persuna li tapplika, iridu jitħallsu €30 peress li s-servizz ser jingħata b'xejn. Il-Viċi Sindku staqsa kemm hu l-budget tal-Kunsill, bis-Sindku jgħid li jekk ikun hemm 150 persuna bi €30, irid ikun hemm budget ta' €4,500. Huwa qal ukoll li jekk ikun hemm aktar minn 150 persuna, 30 persuna oħra jkunu b'xejn. Il-Kuns J Scicluna staqsiet rigward persuni li ma jkunux mill-Fgura, bil-Kuns R Deguara u s-Sindku jwieġbu li dan is-servizz ser ikun għar-residenti tal-Fgura biss. Wara din id-diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7012/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa għas-servizz ta' ECG għas-sena 2025. Dan għandu jkun ta' mhux aktar minn kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.4.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7013/24/9** 'Sabiex tintlaqa t-talba biex jagħmlu 20 siegħa 'work placement' fi ħdan il-Kunsill tal-Fgura: Is-Sur Lincoln Micallef, Is-Sur Denzel Bekbak.'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania De Giovanni.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.4.5** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie riċevut rapport tal-pulizija ieħor għal talba ta' rimbors tat-'tyre' ta' vettura, fejn persuna ġarrbet ħsara fit-'tyre' fi Triq il-Karmnu. Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħat kien ġie deċiz li ser titmexxa b'prassi waħda fejn kulħadd qabel dwar dan, u għalhekk ma kienx ser jgħaddi mozzjoni. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hemmx mozzjoni ta' prassi jew mozzjoni ta' każ, bil-Viċi Sindku jwieġeb li kienet ta' każ, fejn il-Kuns C Bonello qabel miegħu. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7014/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill ma jaċċettax talbiet ta' ħsarat fuq vetturi fejn jidħlu toroq fil-lokal tal-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 12.5 STAFF

**12.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li saru l-intervisti għal Skala 15 fejn intagħżel is-Sur Robert Grech. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7015/24/9** 'Sabiex għas-sejħa ta' skrivan/a fi skala 15 fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura jiġi magħżul is-Sur Robert Grech.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.5.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta 'email' mingħand is-Sna Bonnici fejn qed tirriżenja minn Deputat Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li tkellem magħha u hija qalet li ħasset il-ħtiega personalment li tirriżenja minn Deputat. Is-Sindku qal ukoll li staqsieha jekk kienx hemm xi kwistjonijiet oħra, fejn qalet li ma kellhiex. Huwa qal li jemmen li għandha ssir ittra ta' ringrazzjament bil-Kuns J Scicluna twieġeb li taqbel ma' dan. Il-Kuns J Scicluna qalet li ddispjaċiha li s-Sna Bonnici qed tirriżenja minn din il-kariga, u li għal ftit hin li għamlet fil-perjodu tagħha uriet il-kapaċità tagħha, speċjalment fejn kien hemm mumenti li kellhom jittieħdu ċertu deċiżjonijiet.

**12.5.3** Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jopera mingħajr Deputat Segretarju Eżekuttiv, f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv tkun assenti.

Is-Sindku talab lis-Sna Gatt toħroġ barra mill-kamra.

Is-Sna Gatt ħarġet barra mill-kamra fis-18:00.

Is-Sindku kompla billi qal li wara li tkellem mas-Sna Bonniċi, tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv, u l-liġi tgħid li bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv irid ikun hemm persuna fi Skala 11. Huwa qal li għalkemm għadha tibda fl-impjieg, talab lis-Sna Gatt sabiex tieħu l-kariga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv peress li hija fi Skala 11 u anke peress li persuna oħra impjegata mal-Kunsill fi skala 11, ma hemmx. Il-Kuns J Scicluna qalet li għadu kmieni wisq sabiex tittieħed din id-deċiżjoni. Hija kompliet billi qalet li għandu jingħata ċans sabiex tintwera l-ħidma tagħha kif tevolvi. Is-Sindku wieġeb billi qal li ma jistax isir dan, għax jekk is-Segretarju Eżekuttiv ma tkunx disponibbli, ikun hemm problema. Il-Viċi Sindku qal li jekk ikun il-każ, normalment ikollu jsir arranġament ma' Kunsill ieħor. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk tistax tiġi magħżula persuna oħra, bis-Sindku jwiegeb li mhux possibli għax il-persuna magħżula trid tkun fi Skala 11, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid tkun ukoll ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku qal li xorta waħda jrid jaħtar lis-Sna Gatt għax hi Skala 11 u ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kuns J Scicluna qalet li għandu jingħata ċans sabiex tintwera l-ħidma tas-Sna Gatt fil-kariga li għadha kemm tidħol fiha, u wara jiġi deċiż dan skond il-ħidma tagħha, anke peress li għadha kemm tibda fl-impjieg. Is-Sindku

wieġeb billi qal li jekk jinqala xi ħaġa u jkollha bżonn tissejjaħ laqgħa b'urġenza, ma tkunx tista ssir. Il-Kuns M Lombardo intervjena u qal li meta persuna titpoġġa f'kariga, din xorta jkollha l-'probation period'.

Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li minn naħa tiegħu hu ra is-Sna Gatt kemm taħdem u li cert li se tagħmel xogħol tajjeb anke bil-'mentoring' tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kuns J Scicluna qalet li mhux qed tgħid li ma tagħmilx xogħol tajjeb imma li għadha gdida, bil-Kuns I Catania De Giovanni jwieġeb li jekk hi kwalifikata biex tagħmel ix-xogħol, għandha kull dritt li tingħata din il-kariga. Il-Kuns J Scicluna sostniet li hi mhix kontra din id-deċiżjoni pero xtaqet li tingħata aktar żmien biex il-membri tal-Kunsill isiru jafuha. Wara din id-diskussjoni li tqajjmet, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7016/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jinnomina bħala Deputat Segretarju lis-Sa Ann Marie Gatt'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-Mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku talab biex is-Sna Gatt tidħol fil-kamra.

Is-Sna Gatt daħlet fil-kamra fis-18:10.

**12.5.4** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Sicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna bdiet billi qalet li b'dak li se tgħid ma trid li bl-ebda mod ma jitkeċċa xi impjegat mix-xogħol. Kompliet billi qalet li kull impjegat li jaħdem fil-Kunsill għandu jġib rispett lill-membri tal-Kunsill, kemm bil-mod ta' kif jintbagħtu l-'emails' u anke bil-mod ta' kif jiġi rispondut it-telefon. Qalet ukoll li ma taċċettax li ċċempel lill-'clerk' u tiġi mwieġba b'mod inaċċettabli, fejn tirreferi għal każ li fih innutat li ser isir żball f'kitba partikolari u riedet li titranġa, għaldaqstant ġibdet l-attenzjoni tal-'clerk'. Il-Kuns J Scicluna qalet li mhux ser issemmi min huma l-'clerks' għax ma tridx tagħmel ħsara, pero darbohra ser issemmihom bl-isem u l-kunjom.

**12.5.5** Il-Kuns J Scicluna rreferiet għal każ fejn intbagħtet 'email' minn 'clerk' lill-'Transport Malta' u hi bħala Kunsilliera responsabbli mit-trasport pubbliku, ma ġietx inkluża fl-'email'. Kompliet billi qalet li mhux aċċettabli li hi ma tkunx taf li ntbagħtet 'email' lil 'Transport Malta' bit-talba biex jitwaqqaf is-servizz tat-trasport pubbliku fuq tali 'bus stop'. Is-Sindku talab lil Kuns J Scicluna sabiex tkun korretta, għaliex it-talba ma kinitx li jitwaqqaf is-servizz. Huwa qal li kien hemm permess ta' lifter mit-tali ħin sat-tali ħin, fejn qal li dan kien ta' siegħa. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-ħin tat-talba kien mit-8:00 sa 12:00. Għal din it-tweġiba, is-Sindku qal biex jiġi ċċekkjat sewwa l-ħin. Il-Kuns J Scicluna qalet lis-Sindku li ma jridx jinsa lil dawk in-nies kollha li jużaw it-trasport pubbliku. Hija qalet ukoll li kienu diġa ħadu deċiżjoni f'Lulju li għadda, fejn irreferiet għall-każ fejn residenta talbet għall-permess tal-lifter biex ittella l-'appliances' minn fejn il-'bus stop' bl-isem ta' 'Punika', fejn il-karozza tal-linja tmur lejn Ħaż-Żabbar. Kompliet billi qalet li d-deċiżjoni kienet li jintużaw il-parkeġġi ta' maġenb il-'bus stop', u li din ir-residenta reġgħet għamlet din it-talba, fejn il-'clerk' bagħtet 'email' lil Transport Malta sabiex iwaqqfu l-karozzi tal-linja milli jieqfu fuq il-'bus stop' bl-isem ta' 'Punika' għal erbà siegħat, mingħajr ma ttieħdet deċiżjoni mis-Sindku u l-Kuns J Scicluna.

Hija qalet li mhux qiegħda titkellem biss bħala Kunsilliera, pero anke bħala persuna li tuża s-servizz tal-karozza tal-linja u tieqaf fuq dak il-'bus stop'. Għal dan, is-Sindku staqsa x'għandha tkun il-'way forward' jekk din il-persuna terġà tagħmel din it-talba. Il-Kuns J Scicluna qalet li f'dak il-każ, il-'clerk' għandha tinfurmahom. Is-Sindku staqsa wkoll x'ser isir jekk ir-residenta titlob permess ta' ġurnata, fejn għal din il-mistoqsija, il-Kuns J Scicluna wieġbet li diġa kienu ftehmu li jintużaw il-parkeġġi ta' maġenb il-'bus stop'. Is-Sindku talab għal direzzjoni ta' x'għandu jsir f'każ li l-persuna nkarigata mill-lifter ma tkunx tista ttella l-appliances mill-parkeġġ tal-ġenb. Il-Kuns J Scicluna qalet li jekk dan ikun il-każ, tixtieq li jsir 'bus stop' alternattiv iktar l-isfel sabiex in-nies ma jkunux imcaħħda milli jitilgħu u jinżlu. Hawnhekk is-Sindku staqsa jekk din il-ħaġa tistax issir, bil-Kuns J Scicluna twieġeb li għandu jiġi ċċekkjat jekk tistax issir, u jekk iktar l-isfel fejn hemm il-garaxxijiet jistax jintuża għal dak is-servizz f'dik il-ġurnata partikolari. Il-Viċi Sindku qal li f'dan l-istadju jekk hemm Kunsillier inkarigat, għandu jkun hemm diskussjoni u rispett reċiproku kemm mill-Kunsillier u anka mill-'clerk' għax hija ħaġa li trid tiġi miż-żewg naħat. Huwa qal ukoll li minn naħa ta' Kunsillier għandu jgib rispett lilhom kif ukoll vice versa. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li fejn ikun hemm xi haġa bhal din, il-Kuns J Scicluna għandha tiġi nfurmata bi dritt, għax il-Kunsillier inkarigat għandu jkun dejjem infurmat.

**12.5.6** Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-wieħed mill-ilmenti li skond hu, huwa l-akbar ilment. Dan huwa dak li n-nies jew residenti iċemplu u ma jaqbdux, fejn qal li huwa jħossu skomdu meta jċemplu lilu u jintalab biex itihom in-numru. Kompla jgħid li r-residenti jkellmuh u anke jilmentaw fuq il-mezzi soċjali rigward dan, fejn qal ukoll li kien hemm drabi fejn ċempel il-Kunsill huwa stess u ma qabadx. Il-Viċi Sindku kkonkluda billi qal li għandu jkun hemm rispett reċiproku u xogħol li jiġi mqassam aħjar, sabiex ir-residenti jkunu moqdija aħjar. Għal dan, is-Sindku qal li din il-problema mhix ġejja għax it-telefon mhux qed jiġi rispondut imma għax meta persuna iċempel il-Kunsill, it-telefon ma jgħidlekx biex iżżomm il-linja jew jiġi 'engaged', imma jibqa jdoqq sakemm taqà l-linja. Għaldaqstant huwa qal li din il-ħaġa għandha tiġi tranġata, għax il-'clerk' ikun qiegħed fuq telefonata oħra. Huwa qal ukoll li pprova jċempel huwa stess waqt li l-'clerk' kienet qiegħda waqt telefonata, u baqà jdoqq sakemm waqgħet il-linja, għalhekk in-nies għandhom il-perċezzjoni li t-telefon mhux qed jiġi rispondut.

Il-Viċi Sindku qal li dan jiddependi wkoll kemm qed jiġu meħuda linji tat-telefon, bis-Sindku jwieġeb li meta ċċempel persuna, l-ewwel imur fir-'reception' u minn hemm imur fuq oħrajn. Il-Viċi Sindku semma każ fejn resident partikolari kien irrabjat minħabba li ried permess, għaldaqstant bedà jcempel u ma nqediex. Kompla jgħid li r-resident mar personalment il-Kunsill u sab li t-telefon ma kienx f'postu. Il-Viċi Sindku kkonkluda billi qal li l-affarijiet għandhom jiġu ċċekkjati minn żmien għall-ieħor. Huwa qal li jifhem li l-lokal huwa kbir u 'pressure' ikun hemm, għaldaqstant qal li jistajkun li jrid isir immaniġjar aħjar ta' sistemar tal-'clerks'. Il-Kuns C Bonello qal lill-Viċi Sindku li meta taqà l-linja, it-telefon xorta jibqa jdoqq. Is-Sur M Lombardo qal li f'dak il-każ, in-nies għandhom jibgħatu 'email' u jiġu kkuntattjati lura. Is-Sindku qal li għal din ir-raguni se jiltaqà ma' ta' l-IT biex din il-problema tat-telefon tiġi solvuta.

**12.5.7** Il-Kuns R Deguara intervjena biex ikompli mal-intervent tal-Kuns J Scicluna, fejn qal li dak li kienet qiegħda tgħid huwa tajjeb pero hemm problema, għaliex xi kultant ir-residenti jkunu jridu jtellgħu għamara bil-lifter minn dakinhar għal jumejn wara. Il-Viċi Sindku qal li peress li jkun każ partikolari, biex ma jbati ħadd, għandha tiġi mitkellma r-residenta u 'Transport Malta'.

Il-Kuns J Scicluna sostniet li din il-ħaġa toħloq problema kbira. Dan għaliex f'dak il-'bus stop' partikolari jinżlu hafna nies u anzjani minnu, u għaldaqstant jekk il-karozza tal-linja ma twaqqafhomx fuq dak il-'bus stop', ikollhom mixja twila. Il-Kuns J Scicluna qalet li hi tixtieq li qabel issir xi haġa bħal din, ghax forsi hija nuqqas ta' attenzjoni, jew għax il-'clerk' ma tużax is-servizz tal-karozza tal-linja, titkellem ma' ta' fuqha sabiex b'dan il-mod ma jiġux maqbużin. Hija reġgħet qalet li ma tridx li ssemmiha b'isimha għax ma tridx li tagħmlilha xi ħsara, pero sostniet li jekk hemm bżonn li l-'clerks' jintbagħtu għal xi 'training', dan għandu jsir.

Il-Kuns C Bonello qal li l-permess qed jiġi nterpretat ħazin għax bħala permess jgħid li ma tistax tipparkja, u ħafna drabi min ikun ġej biex itella 'appliance' jgħid lir-resident li ser jiġi bejn tali ħin u tali ħin, u għalhekk il-permess ikun hemm bżonn li jsir minn tali ħin sa tali ħin. Huwa kompla billi qal li 'no parking' ma jfissirx li jekk il-'parking bay' għadha vojta, il-karozza tal-linja ma tieqafx għax hemm it-tabella, għax tal-linja mhux ser tipparkja, imma ser tieqaf, tniżżel u ttella l-passiġġieri, u titlaq. Għaldaqstant qal li filwaqt li l-permess huwa għal erbà siegħat, in-'no parking' huwa għal x'ħin jiġi l-lifter. Huwa sostna wkoll li r-resident għandu skumdità bil-'bus stop' is-sena kollha quddiem il-bieb tad-dar, għaldaqstant ma jaqbilx li għandu jingħad 'le' lil dan ir-resident li jkollu bżonn permess tal-lifter biex itella xi 'appliance'. Il-Kuns J Scicluna qalet li hi mhix kontra li jingħata l-permess, imma kontra li jitwaqqaf it-trasport pubbliku fuq dak it-tali 'bus stop'. Il-Kuns C Bonello wieġeb għal dan billi qal li hu mhux qed jgħid li għandu jitneħħa l-bus stop, imma li jrid jinstab bilanċ bejn min jinqeda mill-'bus stop' u jitlaq, u bejn ir-resident. Il-Kuns J Scicluna sostniet li hi ma talbitx li din ir-residenta tiġi mċaħħda milli ttella l-'appliances' imma fuq it-trasport pubbliku, għaliex qiegħda titlob li meta jkun hemm każ bhal dan, għandu jsir 'bus stop' alternattiv. Is-Sindku qal li dan irid jiġi mitlub lill-Transport Malta u jekk jiġi aċċettat, dan isir.

Il-Vici Sindku intervjena billi qal li l-agħar ħaġa li tistà tiġri huwa li jkun hemm in-nies qed jistennew il-karozza tal-linja fuq 'bus stop' bil-lifter u l-affarijiet fuqhom, fejn allaharesqatt jistà jaqà xi ħaġa fuq xi persuni. Għaldaqstant huwa sostna li din aktar hija kwistjoni ta' sigurtà. Is-Sindku qal li m'hemmx għalfejn ikun hemm 'bus stop' biex ikun hemm lifter u jgħaddu n-nies. Il-Vici Sindku wieġeb li f' 'bus stop' ikollok influss ta' nies, fejn għal dan is-Sindku qal li fuq il-bankini jkun hemm in-nies ukoll. Is-Sindku żied billi rrefera għal dak li qalet il-Kuns J Scicluna, li ladarba jkun hemm lifter, għandu jkun hemm 'bus stop' alternattiv aktar 'il quddiem.

## 12.6 PLANNING AUTHORITY

**12.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva korrispondenza mingħand il-perit rigward il-kwistjoni tal-permess ta' kamra li nbniet f'Wied Blandun, fejn wara l-'EPRT', l-appell intrebaħ. Il-Kuns C Bonello qal li kien hemm każ ta' persuna oħra fi triq oħra, fejn il-garaxx ma jiġix intużat għall-karozza pero għal affarijiet oħrajn. Huwa sostna li l-applikazzjoni għall-permess u l-appell intilfu, filwaqt li l-kamra għadha hemm u din il-persuna għadha taħdem fil-garaxx. Huwa qal ukoll li l-Kunsill oġġezzjona għall-kamra u ma saritx talba ghal 'sanctioning', għalhekk intrebħet, pero staqsa x'ser jiġri u jekk hux ser tibqà hemmhekk snin, peress li minkejja li ntilef kollox, il-persuna jaf ma tatix kas ta' dan. Is-Sindku wieġeb li hemm il-multi. Il-Kuns C Bonello qal li bħala Kunsill għandu jsir infurzar sabiex jiġi ċċekkjat jekk il-kamra twaqqgħetx u jekk il-persuna waqfitx milli taħdem fil-garaxx. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jaqbel li kull tliet xhur, fuq l-istess każijiet li

jkunu ntrebħu, il-perit għandu jagħti rendikont ta' x'inhu jiġri. Is-Sur C Bonello qal li jekk hemm garaxx li qed jintuża minn mekkanik, u l-Kunsill oġġezzjona għall-permess, l-applikant tilef il-permess u l-każ huwa magħluq, pero dan mhux għax intilef l-appell. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk dak huwiex xogħol il-Kunsill jew jekk huwiex dak tal-infurzar. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kuns C Bonello, qalu li l-membri tal-Kunsill kienu l-'objectors'. Il-Kuns C Bonello sostna wkoll li bl-appell mitluf u bla appell, l-effett fuq ir-residenti għadu hemm. Il-Viċi Sindku qal li għandu jsir infurzar fuq dak li rebaħ il-Kunsill, u li l-'Planning Authority' għandha sezzjoni li hija ta' l-infurzar ukoll. Is-Sindku reġà qal li hemm il-multi wkoll. Il-Viċi Sindku sostna li l-Kunsill għandu jinfurmahom biex jibgħatu l-infurzar, filwaqt li qal ukoll li tista tintbagħat lill-'MEPA' dirett peress li għandhom is-sezzjoni tal-infurzar.

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fis-18:45.

## 12.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**12.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva l-kwotazzjoni tal-'live streaming'. Huwa qal li din hija spiża ta' darba biss u bil-liġi din is-sistema trid issir. Kompla billi qal li nstabet sistema ma' ta' l-IT fejn din tista tiġi ssejvjata fuq 'YouTube' u l-Kunsill ikollu l-'link' tiegħu personali fejn il-laqgħat kollha jkunu ssejvjati fuq 'YouTube'. Is-Sindku qal ukoll li mhux kulhadd jista' jidħol u jsibhom, għaliex jarawhom id-'DLG'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kulħadd jistà jarahom, fejn għal dan is-Sindku qal li għal 'YouTube' irid ikollok il-'link', filwaqt li l-Kunsill ikollu tiegħu. Is-Sur I Catania De Giovanni intervjena billi qal li meta jkun hemm 'YouTube link', ikun miftuħ fuq il-'World Wide Web', sabiex kulħadd ikun jista jarah. Kien hawnhekk li s-Sindku qal li ġie spjegat, fejn qara l-'email' li tgħid 'As discussed, we will configure the footage so it's not searchable on YouTube and accessible only via shared link'. Huwa qal li jekk il-persuna ma jkollhiex il-link, ma tkunx tista tidħol tarahom. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7017/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa sabiex issir is-sistema ta' live streaming hekk kif mitlub bil-liġi.'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania De Giovanni.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-iskemi ta' 2020, 21, 22 u 24 kellhom jiċċaqalqu xi affarijiet bħala ammonti ta' flus u ġew accettati mid-DLG, fejn kull ma jonqos huwa li tintbagħat minn naħa tal-perit. Huwa talab biex jiġi nfurmat il-perit sabiex tiġi mibgħuta minnu.

## 12.8 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**12.8.1** Is-Sindku nforma l-kamra li qed jipproponi biex issir il-laqgħa tal-lokalità 2025 fit-23 ta' Diċembru fil-17:00. Is-Sur C Bonello staqsa jekk l-allokazzjoni tal-'budget' tal-Kunsill waslitx, bis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iwieġbu li waslet, filwaqt li qalu wkoll li din il-laqgħa trid issir bilfors. Il-membri wieġbu li ma jistgħux jattendu u għaldaqstant is-Sindku talab li jipproponu data oħra,

fejn qalu li din għandha ssir f'Jannar. Is-Sindku qal li għal dan, għandha tintalab estenzjoni lid-Dipartiment. Is-Sur C Bonello qal li dan huwa t-tort tad-Dipartiment u li bħala Kunsill huwa obbligat li l-laqgħa ssir sal-15 ta' Diċembru. Huwa sostna wkoll li l-allokazzjoni tal-Kunsill u mhux l-allokazzjoni ġenerali waslet fil-11 ta' Diċembru, għaldaqstant l-'accountant' irid jaġġusta dak li għamel, iġifieri l-assunzjonijiet li kellu hu, ma' dawk attwali. Il-Kuns C Bonello qal li ghandu jintqal li l-allokazzjoni ġiet riċevuta tard u peress li dieħel żmien il-Milied, il-laqgħa ser issir fit-tali data.

Il-Kuns M Lombardo qal li huwa jipproponi li ssir f'Jannar, fejn il-membri kollha qablu ma' dan. Huwa kompla billi qal li jekk issir fit-23 ta' Diċembru, jkun qed jingħad lin-nies biex ma jattendux, u l-laqgħa ssir biex in-nies jattendu. Il-Kuns C Bonello sostna wkoll li m'għandhiex issir mal-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku sostna li l-'AGM', hija laqgħa pubblika fejn in-nies imorru u jaraw fejn il-fondi tal-Kunsill qed jintnefqu. Qal ukoll li għandu jingħad lill-'accountant' li ġew riċevuti l-proposti, fejn hemmhekk huwa jaħdem bil-budget li jkollu. Wara terġà ssir il-laqgħa tal-Kunsill fuq l-estimi finanzjarji, li tkun miftuħa għan-nies fejn huma ma jkunu jistgħu jitkellmu, imma jisimgħu dak li jiġi proponut mill-membri tal-Kunsill. Il- Kuns R Deguara qal li fl-'AGM' biss ikunu jistgħu jitkellmu. Kien hawnhekk li ġiet proponuta data għal Jannar, fejn kien hemm qbil sabiex issir fit-8 ta' Jannar 2025 fil-17:30.

**12.8.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kuns A Tanti fil-laqgħa li għaddiet kien ressaq mozzjoni biex isiru tliet 'cat shelters' u ġew riċevuti l-kwotazzjonijiet. Huwa qal li tkellem mas-Sur Bezzina li ħadem ħafna mix-xogħol tal-injam u fehmu li l-'cat shelters' għandhom isiru bil-materjal tal-'marine plywood'. Il-Kuns A Tanti qal li għandhom isiru bħal dawk li diġa hemm għax huma perfetti. Is-Sindku qal li qegħdin tlieta minn nies bil-mastrudaxxa, u jafu jaħdmu xogħol tal-injam sew. Huwa qal ukoll li talab għall-kwotazzjoni mingħandu fejn se tkun irħas mill-oħrajn għax ser jinħadmu ġewwa l-Kunsill stess. Kompla jgħid li ntqal lilu li jekk ikunu iktar b'saħħithom ikun aħjar u bl-istess prezz ridott li huwa ta' bejn wieħed u ieħor €450, minflok 10mm kullimkien, ikunu 12mm bl-istess forma u l-istess saqajn. Is-Sindku qal lill-Kuns A Tanti sabiex jikkomunika miegħu biex anke forsi bl-istess prezz, jinħargu aktar minn tlieta, jekk huwa għaddej b' 'budget'. Il-Kuns A Tanti qal li tlieta huma bizzejjed għax diġa hemm 'cat shelter' ieħor li ma jintużax. Is-Sindku wieġeb li jekk ma jintużax, għandu jitneħħa u jekk għandu xi ħsarat, jinġieb il-Kunsill biex iduruħ u jiġi tranġat. Is-Sindku qal li l-Kuns A Tanti ser jitkellem mal-Kuns R Deguara, u meta jitkellmu u jiddeċiedu meta ser jinbidlu, għandu javża lis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal lill-Kuns A Tanti sabiex jgħaddi l-kwotazzjoni.

**12.8.3** Is-Sindku nforma l-kamra li għalkemm xi kultant forsi jkun hemm xi nuqqasijiet, huwa jaf kemm jaħdmu l-'clerks'. Huwa qal li giet imposta fuq il-Kunsill, mistoqsija parlamentari minn naħa tal-Ministeru rigward kemm ingħalqu każijiet fis-sena 2024, fejn ir-risposta kienet ta' 1,151 każ minn dawk kollha li daħlu. Huwa kompla billi rringrazzja lill-'istaff' kollu għaliex jagħmel biċċa

xogħol tajba. Il-Kuns J Scicluna qablet ma' dan u qalet li l-lokalita tal-Fgura għandha ammont ta' 13,000 resident li huwa ħafna. Hija ngħaqdet mas-Sindku biex tirringrazzja wkoll lill-istaff tal-ħidma li jagħmel.

**12.8.4** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta 'email' oħra fejn kien hemm persuna residenti Ħaż-Żabbar li kienet interessata fil-'U bars' is-suwed tar-reklami, li hemm fit-toroq tal-Fgura. Huwa qal ukoll li bagħat għalih għax din il-persuna xtaqet tiltaqà miegħu, u sostna li huwa kien qal ħafna drabi waqt il-laqgħat tal-Kunsill, li dawn għandhom joħorgu b''tender' għax qatt ma nġabru flus minnhom. Is-Sindku nforma lil din il-persuna peress li kien fid-dmir tiegħu, li l-interess huwa mhux li jiġu mgħotija lil persuna waħda, imma li tkun miftuħa ma' kulħadd. Qal ukoll li staqsieħ rigward xi ideat peress li din il-persuna qiegħda fil-'marketing', fejn ittiehdet nota tagħhom sabiex jiġu mitkellma ma' min jagħmel it-'tenders' u jiġu mplimentati fit-'tender'. Is-Sindku kompla billi qal li ntqal lilu li hemm minnhom li huma tajbin u li jġibu ħafna flus, filwaqt li hemm minnhom li mhumiex tajbin u għaldaqstant waħda tpatti għall-oħra.

**12.8.5** Is-Sindku nforma l-kamra li fid-19 ta' Novembru kellu laqgħa ma' persuna li skonta sentenza u ngħatalu 80 siegħa xogħol fil-komunita. Huwa qal li staqsa x'kien il-każ ta' din il-persuna fejn kien infurmat li ma kienux involuti drogi u serq. Qal ukoll li din il-persuna ser tkun qed tagħmel 80 siegħa xogħol komunitarju minn Jannar 2025 peress li ġiet assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn se ser tkun qed tagħmel xi xogħolijiet fuq barra.

**12.8.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-presepju qiegħed jintrama u l-Kunsill daħal għall-kompetizzjoni tal-Presepji għas-sena 2024. Huwa qal li din il-kompetizzjoni ġiet imnedija minn 'Kultura Malta' u l-applikazzjoni ntbagħtet, filwaqt li l-ħlas tal-parteċipazzjoni li kien jammonta għal €10, sar ukoll. Kompla billi qal li ġie riċevut 'acknowledgement' u qed jiġu mistennija data u ħin ta' meta se jkunu qed iżuru l-Presepju. Is-Sur C Bonello qal li ġiet riċevuta l-ġurnata ta' qabel, fejn ġiet mgħotija għazla għall-20 ta' Diċembru jew l-21 ta' Diċembru.

**12.8.7** Is-Sindku qal li ġiet riċevuta korrispondenza fejn intqal li mill-15 ta' Diċembru se tiżdied il-frekwenza tal-karozzi tal linja bir-rotta numru 90 minn filgħodu, fejn se tkun qed tiġi estiża sas-18:00. Huwa qal li mhux se tkun qed tissolva l-problema tal-Fgura, għaliex din il-problema tista tissolva meta jkun hemm karozza tal-linja li ddur ma Hompesch u terġa tgħabbi lin-nies. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk ġewx imwiegba f'dan is-sens. Il-Kuns C Bonello qal li jaqbel mas-Sindku li dik hi s-soluzzjoni prinċipali biex tissolva l-problema, pero staqsa x'ħin se tkun qed tiżdied il-frekwenza. Is-Sindku wieġeb li għandha tintbgħat il-korrispondenza li ġiet riċevuta minn 'Transport Malta' għaliex għandhom dritt ikunu jafu. Huwa qal ukoll li mit-Tnejn sal-Gimgħa, il-frekwenza se tkun kull kwarta, fejn qabel kienet kull nofs siegħa.

Il-Kuns J Scicluna qalet li nnutat li r-rotta 90 fejn qabel kienet rari, issa qed taraha ta' spiss. Il-Kuns R Deguara staqsa minn fejn tiġi din ir-rotta, fejn il-Kuns

J Scicluna qalet li tiġi minn Ħaż-Żabbar, bir-rotta tagħha lejn il-Belt Valletta. Hija qalet ukoll li dak li jrid jitranġa huwa li l-karozzi tal-linja b'din ir-rotta qed ikunu wara xulxin. Il-Kuns C Bonello qal li din il-ħaġa hija tajba għax jekk ikun hemm żewg karozzi tal-linja wara xulxin, u jirkbu ħafna nies minn Ħaż-Żabbar fl-ewwel karozza, it-tieni karozza probabbilment se tkun għadha vojta u jtilgħu n-nies mill-Fgura fiha. Il-Kuns M Lombardo qal li għandu jibqa jiġi sostnut u jsir 'monitoring' ta' x'qed isir ukoll. Il-Kuns J Scicluna qalet li flimkien mas-Sindku se tkun qed titlob biex issir laqgħa oħra kif diġa sar.

## 12.9 MISTOQSIJIET

**12.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 12.10 MOZZJONIJIET

**12.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 12.11 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**12.11.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7018/24/9** 'Sabiex jinħareg it-Tender RMP-24-9 ta' Supply of Road Marking Paint'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7019/24/9** 'Sabiex jinbeda l-proċess biex jinħareg it-Tender BKN-24-9 ta' 'The Road Maintenance of Access and access only roads for the Fgura Local Council' peress li se jiskadi fil-5 ta' Ottubru 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.11.3** Is-Sindku resssaq mozzjoni ref: **7020/24/9** 'Sabiex jibda l-proċess biex jinħareġ tender tal-Perit 'Tender for the professional services of an architect - il-Fgura Local Council' peress li se jiskadi f'Gunju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 12.12 FINANZI

**12.12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7021/24/9** 'Sabiex tiġi magħżula s-Sinjura Antoinette Curmi għas-servizzi ta' Finanzi Anċillari b'effett minn Jannar 2025 għat-3 snin li ġejjin.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7022/24/9** 'Sabiex jiġi magħżul Daniel Galea CPA biex joffri s-servizzz ta' standard book keeping fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura ghat-tliet snin li ġejjin b'effett minn Jannar 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.12.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7023/24/9** 'Sabiex tiġi magħżula DGalea Consult Ltd bħala standard accounting services fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura ghat-tliet snin li ġejjin b'effett minn Jannar 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 12.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**12.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li resident tkellem mal-Kunsill fejn talab bollard waħda mal-ġenb tal-garaxx fejn hemm daħla ta' garaxxijiet, għax qed jipparkjaw il-karozzi u qed jimblukkaw il-garaxxijiet kollha fi Triq Mater Boni Consili. Huwa qal li din il-bollard mhix se tinxtara mill-Kunsill imma mir-resident. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk il-bollard hux se tkun qiegħda titwaħħal mir-resident ukoll, fejn is-Sindku wieġeb li għandha titwaħħal mill-Kunsill. Kompla jgħid li r-resident m'għandu l-ebda dritt imiss propjetà pubblika, u għaldaqstant meta tasal, għandu javża lill-Kunsill u l-ħaddiema sabiex iwaħħluhielu. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk din il-bollard hux se tkun tar-resident jew tal-Kunsill ladarba jkun xtraha r-resident, bis-Sindku jwieġeb li għalkemm jixtriha hu, tkun tal-Kunsill peress li l-amministrazzjoni ssir mill-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qal li l-bollard tkun tar-resident u mhux tal-Kunsill. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk din tistax tinxtara mill-Kunsill u r-resident iħallas lill-Kunsill, sabiex il-bollards ma jkunux differenti. Is-Sindku u l-Kuns R Deguara qalu li l-bollards huma kollha l-istess. Is-Sindku qal ukoll li r-residenti għandhom jingħataw l-ispeċifikazzjonijiet sabiex ikunu jafu liema bollard iridu jixtru, u jekk ikunu jridu li titneħħa, għandhom javżaw lill-Kunsill sabiex isir dan. Il-Kuns R Deguara sostna li jekk tiġi maqlugħha, għandha tingħata lir-resident peress li jkun ħallasha hu. Is-Sindku qal li dawn il-bollards se jkunu qegħdin isiru għal min veru jkollu bżonnhom. Is-Sindku

ressaq mozzjoni ref: **7024/24/9** 'Dan il-Kunsill japprova bollard waħda biss ta' bejn daħla numru 236 u garaxx numru 238. Din il-bollard għandha tinxtara mir-resident.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza oħra fuq 'Citadel Insurance' minn 'Transport Malta' fejn qal li qegħdin jimponu fuq il-Kunsill biex isir 'short time parking'. Huwa qal li se jżomm l-istess prinċipju. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7025/24/9** 'Dan il-Kunsill mhux japprova din it-talba ta' short time parking annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmitu residenta li toqgħod fi Triq Lorry Sant, fejn qal li hemm daħla li tagħlaq u qed jiġu pparkjati l-karozzi fin-nofs, u mhux fil-'parking bays' kif suppost. Huwa qal ukoll li ltaqa s-Sotto Kumitat u nħarġet l-idea li fin-nofs issir kannizzata sabiex ħadd ma jkun jista jieqaf fin-nofs. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7026/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jibda l-proċess biex issir kannizzata fil-pjazzetta ta' Triq Lorry Sant hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.13.4** Is-Sindku nforma l-kamra li sar aċċident tat-traffiku fi Triq is-Sur fejn inqalbet karozza, għax kienu tilgħin żewġ karozzi wara xulxin u wieħed qabad it-'tyre' ta' l-ieħor. Il-Kuns M Lombardo staqsa fejn seħħ l-aċċident eżatt fi Triq is-Sur. Il-Kuns C Bonello u s-Sindku wieġbu li seħħ ftit aktar 'il fuq mill-iskola. Is-Sindku qal li huwa ma jridx jerfà l-ebda responsabbiltà, u għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **7027/24/9** 'Sabiex isiru 2 sleeping police fi Triq is-Sur kantuniera ma' Triq Mater Boni Consili u Triq is-Sur kantuniera ma' Triq it-Tagħlim.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 12.14 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**12.14.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-'Public Works', iġifieri l-'agreement' li kien sar, Triq il-Gallu ma ġietx aċċettata għaliex huma ma jibnux toroq mill-ġdid. Huwa qal li tkellem mal-perit u l-aktar ħaġa li hija ta' bżonn huwa l-parkeġġ. Kompla jgħid li Triq is-Sur kantuniera ma' Triq A.M. Valperga, hemm 'central strip' li qed toħloq problemi kbar, għaliex il-karozzi qed jaħbtu. Is-Sindku żied billi qal li sabiex titneħħa din iċ-'central strip'

u jiżdied il-parkeġġ, huwa tkellem mal-perit u ħareġ b'idea tajba ħafna. Hawnhekk is-Sindku qassam pjanta lill-membri tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jaraw u jifhmu aħjar. Huwa qal li tkellem mal-perit u qallu li għandha titneħħa din il-problema tal-ħabtiet bil-karozzi, jiżdied il-parkeġġ, ma jiġux imnaqqsa s-siġar u ma jkunx hemm aktar ħabtiet. Huwa żied jgħid li għandha ssir din l-idea għaliex fadal il-fondi minn tal-'Public Works' u hekk ma jiġux mitlufa. Il-Kuns C Bonello qal li jixtieq li jiżdiedu s-siġar, pero ma tagħmilx sens li jsiru siġar kbar minħabba li fil-faċċata hemm is-swar u jiġu mgħottija. Is-Sindku qal li bħala siġar jistgħu jsiru Bonsai, pero jekk dawn ser jiġu mħawlin fil-ħamrija, dawn ser jikbru. Il-Kuns C Bonello qal li dawn mhux ser jikbru daqs is-siġar normali u jiġi bħal ġnien żgħir tal-Bonsai. Is-Sindku qal li jistgħu jiġu mixtrija bil-flus tal-'Public Works'. Il-Kuns C Bonello wieġeb li jekk ma jkunx fadal flus, minflok isir f'sena, isir f'ħames snin. Is-Sindku qal li l-ewwel trid tiġi approvata l-pjanta.

Is-Sur I Catania De Giovanni qal li fejn hemm l-'istop sign', hemm bżonn ta' 'traffic lights'. Is-Sindku qal li dik hija xi ħaġa oħra u biex isiru 'traffic lights', iridu jiġu mitkellma 'Transport Malta'. Il-Kuns R Deguara irrefera għal Triq il-Gallu, fejn qal li din it-triq għandha tingħatalha t-tarmak. Il-Kuns J Scicluna issuġġerixxiet li jsir passaġġ sabiex meta wieħed ikun qed jimxi, ikun hemm minn fejn jgħaddi. Is-Sindku u l-Kuns C Bonello wieġbu li hemm bankina minn fejn wieħed jista jgħaddi. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li għanda ssir 'zebra crossing', fejn is-Sindku wieġeb li dik trid tiġi mitkellma ma' Transport Malta. Il-Kuns C Bonello żied li dan għandu jsir mingħajr ma jinqalgħu it-tliet siġar li hemm. Is-Sindku qal li s-siġra trid tinqala bilfors, għax hija siġra invasiva u għaldaqstant l-'ERA' tagħti permess sabiex isir dan. Wara din id-diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7028/24/9** 'Sabiex tiġi approvata l-pjanta annessa fir-rigward ta' Triq A.M. Valperga minn Triq George Stevens sa Triq is-Sur, fejn tali proposta għandha tiddaħħal fil-Proġett tal-Public Works wara li ma ġiex aċċettat il-proġett ta' Triq il-Gallu. Is-siġar li ser jitħawlu ikunu kollha Bonsai.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.14.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li jrid jitkellem rigward Triq is-Summiena. Huwa qal li din it-triq suppost kellha tkun lesta fl-aħħar ta' Ottubru, u li l-kuntrattur iktar ma jiġix milli jiġi, bl-iskuża tax-xita. Kompla jgħid li r-residenti qegħdin igergru fuq ix-xogħol li sar fuq ir-rampi u l-bankini. Is-Sindku qal li huwa kellem lill-perit. Il-Kuns M Lombardo qal li l-problema hemmhekk kienet tas-servizzi, fejn it-triq kollha ġiet imniżżla l-isfel u minħabba dan, ħafna mir-residenti huma rrabjati. Is-Sindku qal li t-triq issa qiegħda skond it-talba tal-'Planning Authority', fejn qabel ma kinitx. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ma jistax imur kontra l-awtorità, u huwa kontra li din il-ħaġa tiġi mitkellma mal-perit biex jerġa jgħolli t-triq, peress li dan mhux skond it-talba tal-'Planning Authority'.

Il-Kuns M Lombardo qal li ġew mikxufa l-ħitan u li r-rampi tal-garaxxijiet ġew weqfin, u dan qed joħloq skumdità kbira għar-residenti. Is-Sindku sostna li huwa jifhem li l-perit għandu jimxi ma' l-obbligi li għandu, bħal ma huwa u l-Kunsilliera kollha għandhom jimxu ma' l-obbligi u l- liġijiet. Il-Kuns M Lombardo qal li kellhom jitbaxxew is-servizzi l-isfel u mhux it-triq, għax qegħdin hżiena. Is-Sindku wieġeb li t-triq kollha kienet hażina, għax kienet għolja u kellhom jitniżżlu żewġ pulzieri minn kullimkien. Huwa qal li lill-Kuns M Lombardo biex jitkellem mal-Kunsillier responsabbli u tiġi mgħoddija mozzjoni. Is-Sindku qal li kien hemm parti mit-triq fejn ir-rampi ġew komdi għall-karozzi, pero l-perit mmarka fejn kellu jiġi maqlugħ minħabba li nies anzjani jew persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti ma jkunux jistgħu jgħaddu minn fuqha, u għaldaqstant il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni B'Diżabilità (CRPD) ikellmu lill-perit u lill-Kunsill rigward dan. Huwa staqsa min ser tkun il-persuna li tiċċertifika din il-bankina.

Il-Kuns C Bonello intervjena fejn staqsa jekk il-perit jistax jivverifika jekk it-triq hijiex baxxa, jew jekk il-bini mhuwiex mibni skond il-livelli stabbiliti. Is-Sindku qal li jrid jiġi mistoqsi lill-perit sabiex jibgħat il-linji gwida. Huwa qal ukoll li tkellem ma' ħafna mir-residenti ta' Triq is-Summiena, u qalulu li snin ilu t-triq ma kinitx livell l-isfel u li kellha tiġi dritta, fejn it-triq tagħti l-isfel minn Triq il-Merħba għall-Triq Mater Boni Consili. Kompla jgħid li r-residenti jgħidu li t-triq kellha titbaxxa, pero ma tbaxxietx. Is-Sur C Bonello qal li jekk it-triq qiegħda tajba u l-bini inbena skond il-livelli, il-kuntrattur m'għandux tort li baxxa t-triq skond kif qalulu l-'Planning Authority', u lanqas ir-residenti m'għandhom tort li bnew skond il-livelli li tawhom il-'Planning Authority'.

Il-Kuns M Lombardo irrefera wkoll għall-fatt li parti mit-triq djieqet, minħabba li li minflok tarmak sar konkos. Is-Sindku wieġeb li t-triq djieqet u twessgħet il-bankina għaliex kien mitlub mill-'Water Services' li l-'main' ma jibqax fin-nofs, kif qed isir f'ħafna mit-toroq minħabba problemi fil-pajpijiet ta' l-ilma. Il-Kuns M Lombardo qal li f'dik il-parti tat-triq fejn sar il-'main', setgħet saret bil-konkos u mhux bit-tarmak, u l-bankina kienet tibqà ta' l-istess qies. Is-Sindku qal li l-'main' qiegħed fil-bankina. Is-Sur M Lombardo qal li ser ikollhom isiru 'double yellow lines' għax meta r-residenti joħorgu bil-karozza mill-garaxx, ma jkunux jistgħu jduru. Is-Sindku wieġeb li huwa rrelevanti għaliex id-'double yellow lines' bil-liġi xorta waħda jridu jsiru. Huwa żied jgħid li jrid jiġi mibgħut lill-kuntrattur bl-avukat, biex isir magħruf meta ser jagħti t-tarmak.

**12.14.3** Il-Kuns R Deguara qal li għandu jsir 'resurfacing' ħafif ta' Triq il-Gallu. Il-Kuns C Bonello qal li din it-triq għandha ssir b'xi fondi. Is-Sindku staqsa lill-Kuns C jekk iridx li jgħaddi mozzjoni biex jiġi esplorat jekk jistgħux jintużaw fondi ewropej. Għaldaqstant, il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni **7029/24/9** 'Sabiex il-Kunsill jesplora l-possibilita' tal-fondi sabiex issir ir-rikostruzzjoni tal-parti l-antika ta' Triq (Sqaq) Gallu idejalment fuq stil antik (bejn Triq Hompesch sa Triq il-Pepprin)'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.14.4** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li għandu mistoqsija dwar Triq Hompesch. Is-Sindku qal li mistoqsijiet għandhom jintbagħtu qabel, pero jistà jsaqsi. Il-Kuns I Catania De Giovanni staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament fuq Triq Hompesch u Vjal Kottoner rigward il-proġett tas-siġar, fejn is-Sindku qal li għadu m'hemmx.

**12.14.5** Il-Kuns M Lombardo staqsa lis-Sindku jekk għandux risposta fuq Vjal Kottoner. Is-Sindku qal li għadu m'għandux risposta konkreta.

**12.14.6** Il-Kuns J Scicluna staqsiet meta se jinbdew il-bankini ta' Triq Hompesch, fejn is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għad m'għandux risposta.

**12.14.7** Il-Kuns M Lombardo staqsa rigward Triq il-Foss. Is-Sindku qal li m'għandux, għax l-aħħar risposta li kellu kienet li qed jeħel €1,300 kuljum għax ma użax it-tarmak. Il-Kuns M Lombardo qal li r-residenti għadhom qegħdin ibatu speċjalment minħabba l-ħofor u l-periklu li hemm. Is-Sindku qabel mal-Kuns M Lombardo u qal li ltaqà mac-'chief'. Il-Kuns M Lombardo qal li hemm bżonn li l-Kunsill joħrog stqarrija u ssir pressjoni rigward din it-triq.

## 12.15 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**12.15.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li bħala Nisa fis-Soċjetà, kellhom il-ġabra li ġiet ippreżentata lill-'Marigold Foundation' u s-somma kienet dik ta' €130.42.

**12.15.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li l-ġabra ta' l-'Europa Donna Malta' kienet dik ta' €18.85.

**12.15.3** Il-Kuns J Scicluna qalet li fl-aħħar ġimgħat, attendiet għall-taħriġ ta' l-'AKL' li jirrigwardja fondi ta' l-Ewropa, fejn għaddiet l-informazzjoni li kisbet lill-Kunsillier responsabbli.

**12.15.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li attendiet għall-konferenza tat-turiżmu fejn kellha kuntatt ma' persuna li tagħmel il-ġemellaġġi u għaddiet l-informazzjoni lill-Kunsillier responsabbli.

**12.15.5** Il-Kuns J Scicluna qalet li temmet b'suċċess il-'Crafts'.

**12.15.6** Il-Kuns J Scicluna qalet li kellha xogħol ieħor għaddej rigward il-ħarġa tal-'Wellness' li saret fiż-Żurrieq.

**12.15.7** Il-Kuns J Scicluna qalet li minn meta ġiet maħtura bħala Kunsilliera, tellgħet ħdax il-attività, li wħud kienu ħruġ u oħrajn kienu attivitajiet fil-Kunsill.

**12.15.8** Il-Kuns J Scicluna qalet li kien jeżisti 'bus shelter' fejn il-'bus stop' bl-isem ta' 'Bulebel' fi Triq id-Dejma, pero nkiser u għalhekk issa ma hemmx. Hija qalet ukoll li ġiet avviċinata minn residenti li joqgħodu fl-inħawi u li jużaw dan il-'bus stop', fejn qalulha li qegħdin ikollhom jistennew il-karozza tal-linja fix-xita. Għaldaqstant, Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7030/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova talba li nitolbu lil min hu inkarigat (AKL) mill-bus shelter li jinsab fi Triq id-Dejma, bus stop li jismu Bulebel għaliex ma hemmx. Dan il-bus stop jintuża minn ħafna nies.'

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.9** Il-Kuns J Scicluna wriet ix-xewqa li jkun hemm karozza tal-linja oħra li tgħaddi mill-Fgura sabiex ir-residenti jkollhom il-possibilità li jużaw it-trasport tal-'fast ferry', kif ukoll li jmorru l-Birgu. Għaldaqstant ressqet mozzjoni ref: **7031/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova li nitolbu lil Transport Malta kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Awtorità ta' Trasport, sabiex il-karozza tal-linja li tmur il-Birgu u li twaqqaf fuq l-istage ta' quddiem il-fast ferry, tibda tgħaddi mill-Fgura. B'hekk ir-residenti tal-Fgura jkollhom possibilita` li jmorru mill-Fgura għall-Birgu u vice versa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.10** Is-Sindku stieden lill-Kuns A Tanti sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns A Tanti qal li l-Kunsill juża ħafna s-servizz tad-'door to door' u li l-ammont qed jiġi €800. Is-Sindku qal li għalhekk il-Kunsill ikun jixtieq li jintużaw l-għaqdiet, kif jagħmel il-Kuns C Bonello. Il-Kuns C Bonello u s-Sindku qalu li għall-attività tal-Milied intalab is-servizz tal-'iscouts', għall-ispiża ta' €500. Il-Kuns C Bonello qal lill-Kuns A Tanti li għandu jara li lil min se jqabbad, ikollu r-riżorsi biex jagħmel din il-biċċa xogħol għax mhix faċli. Huwa qal ukoll li jekk ser iqabbad lil xi għaqda li m'għandhiex ir-riżorsi biex tagħmilha, ser ikun hemm falliment. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-posta tagħmilha u li bejn wieħed u ieħor, is-servizz jiswa xi €300 għall-Fgura kollha, għax kienet iċċekkjat hi stess biex tagħmilha fi żmien il-kampanja elettorali. Il-Kuns C Bonello u s-Sindku wieġbu li dak ikun prezz speċjali għax hija xi ħaġa differenti. Il-Kuns A Tanti qal li huwa qed jipproponi li jiġu misjuba xi għaqdiet li jkunu nteressati biex huma jagħmluha b'mod uffiċjali jekk joffru s-servizz. Is-Sindku rrefera għal dak li qal il-Kuns C Bonello, li jrid ikun jaf li dik l-għaqda partikolari għandha r-riżorsi neċessarji. Il-Kuns C Bonello qal li fit-tqassim, huwa jqabbad għaqda waħda, u li kull ma hemm huma xi tlieta jew erbà għaqdiet. Il-Kuns A Tanti ressaq

mozzjoni ref: **7032/24/9** 'Tqassim ta' flyers li ma jaċċedix l-ammont ta' €800. Attività relatata mal-kors ta' tagħlim tar-rota.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.11** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7033/24/9** 'Sabiex issir ħarga 'Friday night out' nhar il-Gimgħa 24 ta' Jannar 2025 għas-somma ta' mhux aktar minn €600.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.12** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7034/24/9** 'Sabiex issir ħarga nhar Ħadd il-Palm, fit-13 ta' April 2025 ġewwa Għawdex bit-tema tal-Gimgħa Mqaddsa għas-somma ta' mhux aktar minn €1,200.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.13** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-inizjattiva 'Milied Riċiklabbli', kollox ġie mqassam, u l-inizjattiva biex it-tfal iġibu l-ornamenti hija sat-12 ta' Diċembru, peress li jridu jiġu ppreżentati l-Ħadd 15 ta' Diċembru waqt 'Pjazza fil-Milied'.

**12.15.14** Il-Kuns C Bonello qal li l-attività ta' 'Pjazza fil-Milied', ser issir is-Sibt 14 ta' Diċembru bejn is-19:00 u l-23:00 u l-Ħadd 15 ta' Diċembru bejn l-16:30 u l-22:00, u li l-preparamenti huwa kważi lesti. Kompla jgħid li l-programm ta' din l-attività ġie mqassam fid-djar u li s-Sibt fis-19:00, il-Kunsilliera kollha li huma nteressati għandhom jingabru fi Pjazza Reggie Miller, għall-inawgurazzjoni tal-Presepju, fejn se tkun l-uniku parti tal-attività li se jkun hemm xi forma ta' ċerimonja. Il-Kuns C Bonello żied jgħid li bejn il-17:00 u l-17:30 se tibdà l-inizjattiva ta' l-ikbar 'Gingerbread Man' li qatt sar f'Malta, u fis-19:00 jew ftit aktar tard, ser ikun qiegħed jinkiser ir-rekord, fejn il-'Malta Records' huma avżati rigward dan u huma diġà mħallsa.

**12.15.15** Il-Kuns C Bonello qal li l-wirja tal-Milied li ġiet miftuħa fl-1 ta' Diċembru kienet ta' suċċess, u se tibqà armata sa l-ewwel Ħadd ta' Jannar.

**12.15.16** Il-Kuns C Bonello qal li ltaqà ma' numru ta' problemi, fost l-oħrajn il-pulizija u s-sigurtà għax dawn talbu €10,000 għas-servizz. Huwa qal ukoll li s-sena li għaddiet talbu l-Kunsill €1,400 għall-pulizija biss, pero mal-pulizija hemm ukoll is-'security' iġifieri bilfors li kellha tmur 'off budget'. Huwa żied

jgħid li l-Kunsill mhux ser imur għal €10,000, imma għal inqas, pero qed tiġi mitluba allokazzjoni addizzjonali ta' €2,500. Il-Kuns C Bonello qal li kienet tiġi mikrija 'post box' fejn it-tfal jitfgħu l-ittri fiha, fl-attività ta' Pjazza fil-Milied. Huwa qal li din issa mhux ser tinkera aktar għaliex inħadmet mill-ħaddiema li qed jagħmlu l-presepju. Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazzjahom personalment tax-xogħol professjonali li għamlu. Il-Kuns C Bonello qal li kien hemm bżonn ta' rtokk fil-presepju minħabba li ġie milqut xi ftit, u kif ukoll meta kien qed jingħaqad, kien hemm bżonn li jiġi rtukkjat. Huwa kompla billi qal li kien hemm bżonn ukoll li tiġi mikrija siġra għal fejn il-presepju u li hekk kif intrama l-presepju, irriżulta li hemm dlam kbir fih u għaldaqstant kien hemm bżonn li jingħata d-dawl. Huwa kompla jgħid li kien hemm spiża tal-ġarr u għajnuna fl-armar u fiż-żarmar mill-Kummissjoni Festa Esterna għal stima ta' €800, u aġġustament ta' mwejjed, siġġijiet u bankarelli għal spiża ta' €400. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7035/24/9** 'Sabiex il-mozzjonijiet relatati mal-attivitajiet u l-inizjattivi kollha tal-Milied jingabru f'allokazzjoni waħda u tiġi approvata n-nefqa addizzjonali skond ir-rapport anness.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.17** Il-Kuns C Bonello wera x-xewqa li jiġbed l-attenzjoni, fejn qal li minħabba l-attività tal-Kuns J Scicluna u minħabba li l-Kunsill għandu bżonn ħafna mwejjed, huwa kellu jikri żewġ imwejjed għall-wirja. Huwa qal ukoll li dawn l-imwejjed għal xahar ġew jiswew €346. Il-Kuns J Scicluna qalet li kien ikun aħjar li kieku dawn ġew mixtrija. Il-Kuns R Deguara qal li riċentament kienu nxtraw tnejn oħra. Il-Kuns J Scicluna qalet li dawn mhumiex biżżejjed. Il-Kuns C Bonello qal li għalih huma ħela li ntnefaq dan l-ammont ta' flus, u għaldaqstant għandha titressaq mozzjoni biex jiġu mixtrija ħames imwejjed sabiex b'kollox ikun hemm għaxra. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7036/24/9** 'Sabiex jinxtraw ħames imwejjed oħra tal-plastik li jinfetħu u jingħalqu tal-istess qies għall-ispiża ta €1,500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.18** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-Kompetizzjoni tal-Milied 2024, l-applikazzjonijiet diħlin u dawn jagħlqu fit-23 ta' Diċembru.

**12.15.19** Il-Kuns C Bonello qal li għas-sittin sena parroċċa qed jipproponi li ssir is-sitt edizzjoni ta' Ħiliet il-Fgurin, fejn tinfetaħ fil-31 ta' Jannar 2025, pero mhux ser ikun qed isemmiha fil-mozzjoni biex ikun hemm flessibilità f'każ li jinqala xi ħaġa. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7037/24/9** 'Sabiex issir is-sitt edizzjoni ta' 'Hiliet il-Fgurin' f'Jannar / Frar 2025 bi spiza ta' €3,500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.20** Il-Kuns C Bonello qal li l-inizjattiva tal-Karnival ser tibda hekk kif jgħaddi l-Milied. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7038/24/9** 'Mozzjoni sabiex issir inizjattiva għat-tfal għall-Karnival 2025 bi spiża ta' mhux aktar minn €1,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.15.21** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka, il-preparamenti huma għaddejjin, pero għadhom lura u dawn ser jaqbdu r-ritmu hekk kif jgħaddi l-Milied.

**12.15.22** Il-Kuns C Bonello qal li rigward skambju u ġemellaġġi, sar kuntatt uffiċjali mal-president tal-fondazzjoni, li kien tkellem fuqha fil-laqgħa li għaddiet. Huwa qal ukoll li din il-fondazzjoni tiġbor flimkien biss gżejjer kemm mill-Mediterran kif ukoll membri tal-unjoni ewropea, fejn kellhom laqgħa hu u s-Sindku aktar qabel. Huwa kompla billi qal li sar kuntatt mas-Sna Ivana Legame, wara li bgħatitlu l-kuntatt il-Kuns J Scicluna, sabiex isir ġemellaġġ ma xi lokalità fi Sqallija, u jiġu esplorati wkoll għazliet oħrajn ta' ġemellaġġi jew skambji fi Sqallija. Il-Kuns C Bonello qal li jkun idejali li jsir ġemellaġġ ma Sqallija għaliex loġistikament huwa tajjeb ħafna, kif ukoll qal li għandu jiġi mfittex li jsir ġemellaġġ ma' lokalità li tkun tfisser xi ħaġa għan-nies. Is-Sindku staqsa min jitlà għal dan il-ġemellaġġ, fejn il-Kuns C Bonello qal li dan jiddependi mill-finanzi. Is-Sindku qal li hu ma jaħsibx li l-Kunsilliera kollha.

Il-Kuns J Scicluna qalet li għal dan il-ġemellaġġ, reġgħet irreferiet għal dak li diġa qalet qabel, fejn attendiet għall-kors minħabba l-fondi li l-Kunsill irid japplika għalihom. Is-Sindku waqqaf lill-Kuns J Scicluna u qalilha li għalhekk trid tniżżel dawn l-affarijiet fil-progress ta' ħidma. Il-Kuns C Bonello qal li b'rabta mal-kultura, qed jipproponi li l-Kunsill jesplora l-possibbilità ta' fondi tal-EU minn żewġ inizjattivi. Is-Sindku staqsa lill-Kuns C Bonello jekk tkellimx mal-Kunsillier responsabbli. Il-Kuns C Bonello wieġeb li tkellem fuq inizjattiva waħda mal-Kunsillier responsabbli fl-14 ta' Novembru fejn bagħtlu 'email', li fiha kkopja kemm lis-Sindku u lis-Sna Cassar, u qallu li jaqbel. Huwa kompla jgħid li rigward it-tieni inizjattiva għadu ma tkellimx miegħu minħabba li jinsab imsiefer. Huwa kompla billi qal li din l-inizjattiva tappoġġja pubblikazzjonijiet u li jixtieq li jesplora l-possibilità sabiex jiġu meħudin fondi għall-pubblikazzjonijiet tat-tfal bl-informazzjoni fuq il-Fgura, kif ukoll jiġi ċċekkjat jekk jistgħux isiru xi pubblikazzjonijet oħrajn.

Il-Kuns C Bonello qal li t-tieni waħda hija 'Creative Innovative Lab' li din biha jistà jsir dokumentarju fuq il-Fgura li jkun ibbażat fuq kultura tal-lokal, li huwa

jaħseb li l-Kunsill għandu japplika għaliha wkoll. Huwa qal ukoll li dawn huma 'websites' ta' l-'SEM' li huma miftuħin għall-kulħadd, u min irid, ifittex u jieħu l-inizjattivi. Is-Sindku qal li ħadd ma għandu jieħu għalih, u biex jidħlu fil-'websites' u jekk iridu li jagħmlu xi ħaġa, għandhom jinvestigaw u jfittxu. Huwa sostna wkoll li jkun inġust fuq il-Kuns C Bonello li joqgħod ifittex, u membri oħra tal-Kunsill jgħidu li dak huwa d-dekasteru tagħhom. Il-Kuns C Bonello qal li kulħadd jista jidħol u jfittex, u li huwa qed ifittex dawk li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu. Huwa kompla jgħid li huwa mportanti li dak li jistgħu jakkwistaw, jakkwistawh. Is-Sindku qal li l-fond tal-Kunsill mhux bir bla qiegħ, u jiddependi minn kemm għandhom 'drive' li jixtiequ joħolqu affarijiet fil-lokal tal-Fgura f'dawn il-ħames snin.

Il-Kuns I Catania De Giovanni talab biex jitkellem u s-Sindku staqsieh jekk bgħatx progress ta' ħidma, fejn il-Kuns I Catania De Giovanni qal li ma bgħatx. Għaldaqstant, is-Sindku wieġeb li ma jistax jitkellem, u l-Kuns I Catania De Giovanni staqsa jekk jistax ta' l-inqas jgħaddi kumment. Is-Sindku wieġeb billi qal li qegħdin waqt progress ta' ħidma u għaldaqstant għandha tintbagħat 'email'. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li minn naħa tiegħu biex isir dan il-proġett tal-kultura u innovazzjoni, għandhom jaħdmu flimkien. Il-Kuns C Bonello qal li jaqbel ma dan, pero qed jgħid minn fejn qed ifittex, biex il-membri l-oħra tal-Kunsill ifittxu u jaħdmu huma wkoll. Il-Kuns J Scicluna qalet li hi marret jumejn konferenza fejn kien hemm 'expo' u ġabet ħafna kuntatti. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7039/24/9** 'Sabiex il-Kunsill jinvestiga l-possibilità li napplikaw għal żewġ skemi ta' fondi tal-EU: Circulation of European Literary Works, Creative Innovative Lab.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 12.16 PURCHASE REQUEST FORM

**12.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7040/24/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru 2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 12.17 ĦLASIJIET

**12.17.1** Il-Kuns M Lombardo qal li rigward il-ħlasijiet, qed ikun hemm l-istess persuna li jkun ser jitħallas imma l-ħlasijiet ikunu ta' attivitajiet differenti, fejn irrefera għal attività li kellu huwa u kejk ingħaqad ma' attività oħra tal-'catering'. Huwa qal ukoll li l-ħlasijiet għandhom ikunu separati. Is-Sindku qabel mal-Kuns M Lombardo u qal li dan ser isir minn Jannar.

**12.17.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7041/24/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 17/11/2024 sa 4/12/2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**12.17.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7042/24/9** 'Sabiex jiġu approvati lista addizzjonali tal-ħlasijiet minn 4/12/2024 sa 11/12/2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### 12.18 AĠĠORNAMENT

**12.18.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:00hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 11 ta' Diċembru, 2024

A. 3.

# MOZZJONI

Numru:

Dikjarazzjoni / Kwotazzjoni.

Sabiex jiġi ċċekkjat ir-recording tal-laqgħat preċedenti fejn saru diskussjonijiet rigward kwotazzjonijiet miġbura, il-V/Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex jibgħat [illegible] via email. Kien hemm qbil.

Saret ukoll diskussjoni dwar jekk hux responsabilità tal-clerks li jgħażlu huma liema hija l-aħjar kwotazzjoni vantaġġjuża.

Proponent

Sekondant

EMENDI/ADDENDA

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv / /

ryan ġie